Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 447/2017

Il-Pulizija

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Mark Caruana

Illum, 12 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mark Caruana detentur tal-karta ta' l-identita' numru 156569(M) akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fl-14 ta' Ġunju, 2016 għall-ħabta tad-21:00hrs fi Triq l-Imdina, Rabat, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ZPY-002:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sascha Marie Genovese skont kif iċċertifikat Dr. Thea Chetcuti M.D. ta' Mater Dei;

2. saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
3. b'manjiera perikoluża;
4. b'manjiera bla kont.

Il-prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet u r-raba' akkuzi u lliberatu minnhom, sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni akkuzi b'dan illi t-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza u mmultatu hames mitt euro (€500) multa, pagabbli mitt Ewro (€100) fix-xahar, bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru, 2017 u bil-bilanc isir dovut kollu f'kaz ta' nuqqas ta' xi pagament.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti m'ordnatx s-sospenzzjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellanti Mark Caruana minnu pprezentat fis-6 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u in kwantu m'ordnatx is-sospensjoni tal-liċenzji tas-sewqan tal-appellant;

Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoniet u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda speċifikatament il-kredibbilità innifisha tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni.

Illi kif għandu jirriżulta mill-atti, dawn il-proċeduri kienu diġà inbdew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta diversament minn kif presjeduta meta ingħatat is-sentenza[1], b'dan illi meta l-prosekuzzjoni kienet qed tressaq ix-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti diversament presjeduta, kienet indikat illi l-unika xhud li kien jifdal kien it-tabib u kien b'hekk li kien ingħata differiment f'dak l-istadju. Ta' min jirrimarka illi quddiem l-Ewwel Qorti diversament presjeduta, ix-xhieda l-ġodda li tressqu – l-istudenti u ħbieb tal-parte civile Edward Attard Selvaggi u Julia Zammit – lanqas biss kienet saret riferenza għalihom.

Illi dan juri li dawn ix-xhieda tressqu biss bħala manuvra proċedurali opportunistika, *con il senno del poi* min-naħa tal-parte civile li wara li rat kif kienu sejrin l-affarijiet quddiem l-Ewwel Qorti diversament presjeduta, irrelizzat li kien ikun iktar siewi li tlaħħam it-teżi tagħha b'xhieda oħra, li kif intqal fuq, kienu studenti u ħbieb tal-parte civile stess, u li b'hekk ma jistgħux jitqiesu bħala xhieda indipendenti.

Illi di più dan in-nuqqas ta' indipendenza tax-xhieda imsemmija joħroġ anke mill-fatt illi mix-xiedha tagħhom kemm il-parte civile u kif ukoll Edward Attard Selvaggi u Julia Zammit aċċennaw b'mod partikolari għal kemm kien għaddej b'veloċità għolja l-appellant hu u jsuq. Huwa minnu illi ma jirriżultax illi dawn ix-xhieda għandhom xi esperjenza ta' sewqan, iżda dan ma jfissirx li m'għandhomx esperjenza bħala passiġġieri. Li kieku l-veloċità kienet tassew għolja daqs kemm qalu huma, ma kienx ser ikun hemm gradwandi foshtom li jagħżlu li jinjoraw id-direzzjonijiet lilhom mogħtija biex jibqgħu bil-qiegħda tul il-vjaġġ kollu u jqumu bilwieqfa. Fil-fatt il-parte civile stess, b'mod

---

[1] Dawn il-proċeduri kienu diġa inbdew quddiem il-Qorti Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġ. S. Demicoli, u peress illi x-xiedha ma kinitx ġiet traskritta, din kellha terġa' tingħata mill-ġdid.

allarmanti, tgħid li ma tiftakarx jekk kinitx bilwieqfa jew le meta seħħ l-inċident. Meta imbagħad, wieħed jara l-veloċità li fil-fatt kellha l-vettura meta seħħ l-inċident skont ma jidher minn Dok MC1[2], wieħed ma jistax ma jiddubitax dwar il-kredibbiltà tad-depożizzjonijiet mogħtija. Ta' min jinnota li lanqas dwar il-ħin tal-inċident ma qablu.

Illi l-kredibbiltà tkompli tittiekel meta wieħed jara x-xiedha ta' Edward Attard Selvaggi li f'nifs wieħed jgħid li kien hemm bejn tmenin u disgħin student u f'nifs ieħor jgħid "*We were all seated at the top level on the bus.*" li mill-provi ovvjament ma jistax ikun la rriżulta li lanqas hemm daqshekk siġġijiet fuq. Dan jikkuntrasta ma' dak li xehedu l-parte civile u Julia Zammit fis-sens li kien hemm nies bilwieqfa.

Illi dwar il-fatt illi l-parte civile tgħid li ma tifkatarx jekk kinitx bilwieqfa jew le meta seħħ l-inċident, bid-dovut rispett, lanqas dan m'hu kredibbli. Mill-mod ta' kif ġraw l-affarijiet, u mill-provi mressqa, jidher ċar illi d-DJ li kien bilwieqfa fuq in-naħa ta' ġewwa tat-triq ma ntlaqatx u li kieku tassew kien hemm xi periklu, hu kien ikun l-ewwel persuna li tintlaqat. Dan huwa każ ta' *res ipsa loquitur* u juri li jekk xejn il-parte civile żgur ma kinitx bilqiegħda.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda riferenza li ssir mill-Ewwel Qorti għal xhieda li tammonta għal *detto del detto* u li għalhekk ma jmissha qatt ittieħdet in konsiderazzjoni.

Illi fost ir-riżultanzi[3] l-Ewwel Qorti tgħid illi "*Skont Alexandra Genovese, omm Sacha, certu Degabriele, Manager tal-kumpannija sid il-vettura u li maghha x-xufier kien impjegat, gieli kellhom dan it-tip t'incidenti ...*". Illi bid-dovut rispett, dan m'hu xejn għajr "xiedha fuq

---

[2] 31 km/hr.

[3] Qabel il-punti enumerati l-Ewwel Qorti qalet "*Jirrizulta li:*", u għalhekk dak imsemmi fil-punt ittieħed bħala fatt għall-finijiet tal-prolazzjoni tas-sentenza.

kliem ħaddieħor" fis-sens tal-Art 598 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għall-proċeduri penali bl-Art 645 tal-Kap 9[4].

In ogni caso, ir-regola tal-aqwa prova kellha tiġi applikata u l-istess prosekuzzjoni imissha tellgħet lil dan Degabriele jixhed dwar din l-allegata stqarrija.

Fid-dawl ta' dan, l-appellant umilment iħoss illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiskarta għal kollox din l-allegazzjoni minn fost 'ir-riżultanzi' li wasslu għall-motivazzjoni tas-sentenza.

Illi t-tielet aggravju jirrivolvi dwar jekk l-appellant fil-fatt saqx b' mod traskurat jew naqasx skont l-ewwel imputazzjoni.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bdiet billi tikkwota lill-Blackstone li jgħid illi "*the single test for driving without due care and attention is if (and only if) the way the person drives 'falls below what would be expected of a competent and careful driver'. In addition to this objective standard, the court can consider any particular matters known at the time to the driver ...*".

Illi l-appellant ovvjament jabraċċa dan l-insenjament fl-intier tiegħu. Madanakollu, bid-dovut rispett, ma jaqbilx mal-mod li bih l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi "*l-imputat ghazel li jsuq il-vetura tieghu meta kien jaf li ghaddej minn post perikoluz fejn passiggiera fis-'sular' ta' fuq miftuħ tal-vettura setgħu jintlaqtu mis-siġar.*"

Illi kif jirriżulta mill-provi l-appellant kien qed iżomm kemm jista' jkun man-naħa ta' barra tal-karreġġjata unika li seta' jsuq fiha fid-direzzjoni li kien sejjer fiha. Dan mhux hu

[4] Vide, inter alia, Il-Pulizija vs Miriam Sant, Qorti tal-Appell, per Imħallef Dr. V. Degaetano, 22/10/2001, Il-Pulizija vs Michael Ciappara, Qorti tal-Appell, per Imħallef Dr. J. Galea Debono, 14/17/2002 u Il-Pulizija vs Hassan Khaled, Qorti tal-Appell, per imħallef Dr. J. Galea Debono, 05/06/2003.

biss jgħidu iżda jtennih ukoll Michael Cini. Hemm kunflitt bejn dan u dak li tgħid il-parte civile, in kwantu din tgħid li l-appellant kien qed jagħfas ħafna lejn is-siġar[5].

Illi inoltre, kif xehed l-istess appellant, huwa juża din it-triq madwar erba' darbiet kuljum fix-xogħol tiegħu b'vettura tal-istess ġeneru u qatt ma kellu inċident ta' din ix-xorta. Fid-dawl ta' dan, bid-dovut rispett, l-appellant ma jistax jidba' jifhem, allura, kif skont l-Ewwel Onorabbli Qorti, kellu jqis il-post in kwistjoni bħala wieħed perikoluż!

Illi dan jgħodd aktar u aktar meta kif diġà intqal, huwa kien qed iżomm man-naħa ta' barra tal-karreġġjata. Għalhekk l-appellant umilment ma jaqbilx mal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu din tgħid li hu "*kien jaf li qieghed ipoggi lill-passiggiera f'periklu u xorta wahda baqa' ghaddej bil-vjagg*". Bil-kuntrarju, l-appellant propju għax kien midħla ta' dik it-triq, minkejja li jużaha erba' darbiet kuljum u qatt ma kellu inċident ta' din it-tip, minflok ma baqa' passiv xorta waħda ħa passi ulterjuri sabiex jassigura li ma jkunx hemm inċidenti u b'hekk żamm man-naħa ta' barra tat-triq, kemm jista' jkun 'il bogħod mis-siġar. Minkejja l-allegazzjoni tagħha, ma jidhirx li l-parte civile, jekk rat il-periklu minn qabel – għax tgħid li nnutat li kien qed isuq ma' ġewwa wisq – ħadet xi prekawzjoni – la bidlet postha, la ġibdet l-attenzjoni ta' ħadd u lanqas biss teskludi li setgħet kienet bilwieqfa. F'każ li rat minn qabel li tassew kienu viċin wisq tas-siġar ma jagħmilx sens li kienet ser tqum bilwieqfa!

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dan, in kwantu li l-Ewwel Qorti tikkwota lill-Blackstone fis-sens illi "*... in determining what would be expected of a careful and competent driver, 'regard shall be had not only to the cirucmstances of which he could have been expected to be aware but also to any cirucmstances shown to have been within the knowledge of the accused*", jingħad illi l-appellant mhux biss eżerċita d-diliġenza neċessarja minn xufier iżda anke ħa passi oħra

[5] Vide punt numru 7 tas-sentenza appellata.

minħabba n-natura partikolari tat-triq (li minkejja kemm-il darba użaha, qatt ma kellu inċidenti fiha).

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ħasset illi Julia Zammit "kienet zgur bilqieghda quddiemha"[6], iżda bid-dovut rispett, l-appellant xorta waħda ma jħossx illi din it-teżi hija verosimili. Wieħed irid jgħid, qabel kollox, illi *ex-admissis*, Julia Zammit kienet qed tieħu ritratt bil-mobile tagħha meta idejha ħakkew ma' xi friegħi. *Dato ma non concesso* li dan kien il-każ, f'dak il-punt, wieħed irid jara jekk idejha kinux ogħla mil-livell ta' wiċċha. Inoltre, li kieku dan kien il-każ, kif allura, id-DJ, Michael Cini, li kien fuq in-naħa ta' quddiem nett tal-vettura, fuq in-naħa ta' fejn kien hemm is-siġar, u li kien qiegħed bilwieqfa, ma ntlaqatx? Inoltre, wieħed ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt li din Zammit ma tkellmitx qabel dakinhar tas-seduta li fiha xehdet[7] li kienet intlaqtet minn xi friegħi, dwar il-fatt illi din m'għamlet l-ebda rapport fir-rigward, dwar il-fatt li ma sar l-ebda ilment minnha jew mill-gwardjani tagħha, dwar il-fatt li *a tempo vergine* din ma qalet xejn anke meta ħabiba tagħha weġġħet b'daqqa ta' fergħa, dwar il-fatt li din ma ressqet l-ebda prova fil-forma ta' ċertifikat mediku jew ritratt dwar l-allegata ġerħa f'idejha, u dwar il-fatt li lanqas indejnat ruħha turi r-ritratt li allegatament ittieħed, sabiex minnu wieħed ikun jista' jara kif tassew ġraw l-affarijiet, jekk kinitx tassew bilqiegħda u l-angoli l-oħra relattivi. B'hekk lanqas l-aqwa prova ma nġiebet.

Illi inoltre, lanqas ma wieħed għandu jiżvijja mill-mertu tal-każ odjern – l-imputazzjoni tar-reat tirrigwarda lill-parte civile u mhux lil Julia Zammit. Jekk hemm dubju – kif fil-fatt hemm – li l-parte civile setgħet fil-fatt kienet bilwieqfa, dan għandu jittieħed in konsiderazzjoni.

---

[6] U dan enfasizzatu għal darba tnejn.

[7] 16 ta' Ġunju 2017.

Illi bid-dovut rispett jintqal illi ma teżisti l-ebda bażi sabiex l-appellant jinstab ħati ta' sewqan traskurat. Kif intqal fis-sentenza Il-Pulizija vs Alfred Mifsud[8] "*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat*". Fil-każ tal-lum, però, għandna l-kuntrarju ta' dan kollu; xufier familjari mat-triq, qatt ma kellu inċident ta' dan il-ġeneru fit-triq in kwistjoni, ħa l-prekawzjonijiet neċessarji billi żamm man-naħa ta' barra tat-triq pubblika (li hu liċenzjat biex isuq fiha, u li għal dan titħallas anke liċenzja tal-operat stante li dan kien ġarr ta' passiġġieri b'mod kummerċjali), avża lill-passiġġiera għal darba tnejn biex ma jqumux minn bilqiegħda, u saħansitra kien qed isuq b'veloċità ta' 31 km/hr. Kif jista' dan l-atteġġjament jitqies bħala wieħed neg0liġenti?

Illi r-raba' aggravju jolqot il-fatt illi l-ħin indikat fuq iċ-ċitazzjoni u l-ħin li rriżulta mill-provi huma għal kollox konfliġġenti.

Illi Skont l-Art 360 tal-Kap 9 jispeċifika illi fiċ-ċitazzjoni għandu jkun hemm, *inter alia*, il-partikolaritajiet ta' żmien u lok relattivi għall-imputazzjonijiet. Fil-każ in eżami il-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni u dak li rriżulta mill-provi ma jaqblu assolutament xejn u għalhekk, l-appellant iħoss li ma seta' qatt jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti.

Illi ħ-ħames aggravju huwa bbażat fuq il-fatt illi hemm element kbir ta' dubju fil-każ in eżami, liema dubju għandu jxaqleb il-miżien favur l-appellant ġialadarba ninsabu fil-kamp penali.

---

[8] 6 ta' Mejju 1997.

Illi l-ewwel kunflitt huwa dwar il-fatt illi waqt li l-parte civile tgħid li ma tafx kinitx bilwieqfa jew le, nafu li għalkemm Michael Cini, id-DJ, kien bilwieqfa, fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura, u kien fuq in-naħa ta' ġewwa[9] (skont il-parte civile, fl-agħar post biex seta' jintlaqat huwa ukoll) ma ntlaqat bl-ebda mod nonostante li kif jgħid hu stess "*Jiena ħafna itwal minnhom*". Dan b'hekk iqajjem dubju kbir dwar il-pożizzjoni tal-parte civile fil-ħin tal-inċident speċjalment meta din tixhed u tgħid "*Int mhux se tpoġġi u tisma' mużika. Jekk emm id-diveritment*[10]*" (sic).*

Illi inoltre l-Ewwel Onorabbli Qorti tgħid illi "*... negligenza kontributorja mhix eskulpanti f'sede penali ... sakemm ma tkunx l-unika kawza tal-incident.*" Fil-fehma tal-appellant, dan huwa kruċjali fil-każ odjern, stante li huwa ovvju li l-aġir tal-parte civile ma kienx biss kontributorju iżda kaġunattiv, in vista tal-fatt illi d-DJ ma ġralu xejn, u lanqas ma ġralhom xejn ħafna oħrajn li skont il-parte civile stess ukoll kienu bilwieqfa.

Illi dubju ieħor huwa dwar jekk tassew kienx hemm oħrajn li weġġgħu, u fil-fatt apparti li ma sar l-ebda rapport jew ċertifikat mediku fir-rigward, ix-xhud Michael Cini jgħid "*Sa fejn naf jien hi biss weġġgħet*" (sic)

Illi kunflitt ieħor jirrigwarda kemm tassew Julia Zammit intlaqtet. Kif intqal iżjed 'il fuq, ma tressqu l-ebda provi dwar dan u d-DJ, kif inotat tajjeb l-Ewwel Onorabbli Qorti, jaf li ntlaqtet persuna waħda biss. Anke dan huwa dubju li jeħtieġ li jxaqleb favur l-appellanti.

Illi l-verosimiljanza tal-verżjoni mogħtija mill-parte civile u sħabha jaqa' dell fuqha anke minħabba li fix-xiedha tiegħu l-appellant jispjega ukoll illi l-*open-top bus* in kwistjoni hija atrezzata ukoll b'sistema ta' cameras li tippermettilu jara x'inhu għaddej fuq. In vista ta'

---

[9] In-naħa tal-lemin jekk wieħed iħares lejn il-vettura minn quddiem.

[10] Vide xiedha tas-16 ta' Ġunju 2017.

dan hu innota ukoll illi "*Anke fuq is-seats telgħu għax ġbidtilhom l-attenzjoni ... Kien hemm minnhom mhux talli bdew iqumu, kien hemm minnhom bdew jitilgħu fuq is-seats*". In kontroeżami jgħid ukoll illi qatt ma kellu inċidenti bħal dawn u jispjega l-fatt li ġara dan l-inċident bħala "*Sinjal li ma jkunux bil-qiegħda għax jien qatt ma weġġgħali ħadd* " (sic). Żied ukoll illi "*id-double decker quddiem għandu wind screen li hija l-altezza tal-persuna ... Apparti minn hekk hemm ir-rails mal-ġenb ukoll*" (sic). Żied biex spjega ukoll illi din l-istruttura hija intiża "*Biex meta bdiedem ipoġġi bil-qiegħda mhux ir-riħ jiġi ġo wiċċu*". Spjegata l-istruttura fiżika tal-bus in kwistjoni il-Qorti ikkummentat li ma tistax tifhem kif "*weġġgħet din*". Dan huwa d-dubju dettat mir-raġuni, u iktar!

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit ta' **PS 827 E. Grech** esebit fl-atti a fol. 3 tal-process. Dan ix-xhud jispjega li nhar il-15 ta' Gunju, 2016 ghal habta tal- 11.23 a.m. waqt li kien gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, tal-Hamrun gie infurmat mill-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz- Zebbug li certu Sasha Marie Genovese flimkien ma ommha Alexandra marret tirraporta li gurnata qabel cioe fl-14 ta' Gunju, 2016 ghal habta tad-9.00p.m Sasha Marie kienet social party ta' l-iskola fejn huma krew double decker mis-City Sight Seeing u nnutat li x-xuffier kien qed isuq vicin hafna tal-bankina u f' hin minnhom qalghet daqqa ta' zokk ta' sigra li kien qieghed fil-baxx bil-konsegwenza li qasmet wiccha bl-istess daqqa. Hija kompliet tghid li hija marret taghmel il-punti il-health centre tal- Mosta u li maghha kienu wegghu xi nies ohra.

Minn investigazzjoni li ghamlet irrizulta li n-numru ta' registrazzjoni ta' double decker huwa ZPY 002 u x-xuffier irrizulta li kien certu Mark Caruana. Huwa tkellem ma' dan Mark Caruana fejn dan stqarr li huwa kien qieghed isuq il-*coach open bus* bin-numru ta' registrazzjoni ZPY 002 u hekk kif tiela' fid-direzzjoni tar-Rabat hekk kif wasal fejn is-sala tat-tigijiet ta' Elia, nizlet passiggiera minn fuq u infurmatu li kienet wegghet persuna. Huwa ghalhekk dahal fl-ewwel dahla u waqaf u hija nizlet minn fuq din it-tfajla li kienet wegghet qaltlu li m' ghandha xejn u Mark nadfilha wiccha. Stqarr li imbaghad talbuh biex isuq fid-direzzjoni lejn Gianpula u hekk kif wasal gew xi nies adulti u haduha.

Caruana ried jghid li kemm il-darba kellu iwaqqaf il-vjagg u dan ghaliex l-istudenti ma bdewx jikkooperaw u kif ukoll kien hemm DJ certu Michael li beda jinfurmahom sabiex ipoggu bilqieghda.

Huwa kellem ukoll lid-DJ li dak il-hin kien xoghol fuq *double decker* li huwa certu Michael Cini fejn dan stqarr li huwa kien qieghed jaghmel xoghol ta' DJ fuq bus numru ZPY 002 u hekk kif waslu fi Triq l-Imdina, Rabat ezatt fejn il-Villa ta' Elia kien hemm tfajla u kienet riekba fuq il-parti ta' fuq ta' *double decker* u din kienet wegghet billi intlaqtet minn zokk ta' sigra.

Michael Cini kompla jistqarr li x-xuffier kien qieghed isuq bil-mod u kemm ix-xuffier kif ukoll hu, infurmaw l-istudenti sabiex joqghodu bilqieghda gja la darba l-bus tkun miexja. Cini stqarr ukoll li huwa lanqas biss kien induna mill-ewwel li kien hemm tfajla li kellha xi griehi u kien induna biss, meta qamet bhala kommossjoni u aktar tard waqfu l-organizer.

Ikkonferma li nhar it-18 ta' Gunju, 2016 marret l-ghassa Sasha Genovese u pprezentat certifikat mediku mahrug minn Dr Thea Chetcuti fejn gie indikat li kellha feriti ta' natura gravi.

Rat l-okkorenza eebita fl-atti redatta minn WPC 64 Esther Judith Schembri.

Rat ir-ritratti esebiti a fol. 14 li juru wicc l-kwerelanti Sasha Genovese bil-feriti f'wiccha.

Rat l-affidavit ta' **Karen Maria Cremona** esebit fl-atti a fol. 15 u din kkonfermat li Mark Caruana l-appellant kellu licenzja tas-sewqan valida. Fil-fatt din kienet giet rinovata fl-24 ta' Mejju 2016. Fil-fatt kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 16 jista' isuq divesi kategoriji ta' vetturi .

**Alexandra Genovese** xehdet nhar l-5 ta' Mejju, 2017 u spjegat illi dakinhar tal-incident bintha kienet riekba bus tal-hop on hop off ghaliex kienet qed ticcelebra il-graduation tal-iskola meta f' xi hin cempletilha tifla tibki u tghajjat u tghidilha 'ejjew malajr ghaliex Sasha ghandha hafna demm hiereg minn go rasha'

Minnufih marret fuq il-post u sabet lil bintha b' farrett bejn ghajnejha. Il-bus kienet ghadha fuq il-post u d-driver kien go fiha. Tghid li dan lanqas biss offra li iwassalha jew li jinzel mill-bus fil fatt dawwar il-bus u telaq 'l hemm. Sabet lit-tifla tibki u tfal iwerzqu u haduha tigri l-polyclinic fejn sabu tabiba li ghamletilha ghaxar punti. Il-farrett ghadu hemm sa illum.

L-ghada spjegat li l-ghada ghamlet kuntatt ma' sid il-bus tas-Sight Seeing Tours, u tkellmet mas-Sur Degabriele li hu l-manager tal-bus service u dan wegibha li jkollhom dan it-tip ta' accidents u li kien ilu jitlob lil tat-Transport Malta biex jaqghtu s-sigar minkejja li qatt ma qatghuhom. Spjegat ukoll dak li qalulha it-tal li id-driver baqa' isuq minkejja li qalulu li kien hemm tifla li kienet feruta.

**Sasha Marie Genovese** xehdet nhar is-16 ta' Gunju, 2017 u spjegat li dakinhar tal-incident kien il-graduation taghha tas-sixth form u kienu sejrin minn Swatar, St Martins College sa Gianpula. Qalet li flimkien mal-hbieb taghha kienu fil-parti ta' fuq f'double decker bus.

Qalet li kient bilqieghda u meta kienu telghin it-telgha tar-Rabat sar l-incident billi intlaqtet minn sigra. Spjegat li fuq kien miftugh u fuq il-bus kenu madwar 90 student. Qalet li l-istudenti kollha kienu fuq ma kienx hemm student wiehed isfel. Spjegat li kien hemm tfal bilwieqfa u ohrajn bilqieghda. Mistoqsija jekk kienx hemm bizzejjed siggijiet ghal kull student tghid li le ma kienx hemm .

Fuq l-bus kien hemm ukoll DJ u hafna speakers. Spjegat li id-DJ kien fuq, in-naha ta' barra tan-naha tal-lemin u sa kemm tiftakar dan kien bilwieqfa. Hija kienet fuq in-naha tax-xellug tal-bus fil-parti ta' gewwa nett. Kienet quddiem daqxejn lura izda mhux fuq wara forsi kienet fil-hames ringiela. L-incident sehh ghaliex kienet lejn in-naha tal-bankina. Il-bus tiela' it-telgha u s-sewwieq beda jghafas vicin is-sigar. Apparti li intlaqtet hi kien hemm xi hamsa ohra li intlaqtu. Tghid li ma kienx ghaddej bi speed eccesiv izda lanqas ma kien mixi bil-mod. Tahseb li kien mixi b' 60 jew 70 km/fs.

Qalet li hija intlaqtet b'zokk ta' sigra u kien hemm min intalt warajha . Kellha hafna u hafna demm. Nizluha isfel, id-driver ghall-ewwel ma tax kasha izda wara ftit tal-hin waqaf.

Hadha barra jiccekjaha bit-torch tal-mobile tieghu. Taha il-first aid kit tieghu li kienet kompletament zarmata u li ma kellha xejn li setghet tghinha. Imbaghad id-driver kompla isuq u ghenuha shabha kif setghu. Qalet li d-driver ma riedx jieqaf izda ried ikompli bit-tragitt sa Gianpula u lanqas ambulanza ma gab fuq il-post. L-bus waqfet Gianpula u hemmhekk rat lil missierha li hadha dritt ghall-medikazzjoni.

Spjegat li kellha bzonn ghaxar punti fuq wiccha u li l-marka ghadha hemm. Mistoqsija jekk xorbitx qalet li xorb kien hemm pero hi ma xorbitx.

In kontro esami tghid li fuq kien hemm hafna student bilwieqfa, siggu ghal kulhadd zgur li ma kienx hemm. Mistoqsija jekk kienx minnu li x-xufier waqaf u qallhom biex ipoggu

tghid li mhux veru. Qalilhom darba fil-bidu. Qalet li la kien hemm il-muzika mhux ser tpoggi la hemm id-divertiment. Fil-fatt tghid li dawk li kienu wara kollha qamu. Mistoqsija jekk ratx in-notices imwahhla mal-bus sabiex joqghodu bilqieghda tghid li ma tafx bihom ma rathomx. Lanqas sinjali biex wiehed jilbes ic-cinturin tas-sigurta ma rat.

Qalet li l-parti ta' quddiem tal-bus kienet ftit ghola min wara. Tghid li hu minnu li f'xi hinijiet qamet minn bilqieghda pero f'xi hin tghid ukoll li ma qamitx. Mistoqsija kemm kien hemm tfal bilwieqfa tghid li ma tafx pero tistqarr li kien hemm nofshom zgur bilwieqfa. Fost in-nies li wegghu kien hemm Gianluca Agius, Jacques Grima, Julia Zammit. Qalet li kien hemm hames min-nies zgur li wegghu. Qalet li kien hemm min intlaqghat f'rasu, ohrajn f'idejh u kien hemm ohra li kienet qed tiehu l-video intlaqtet bil-mobile u waqghet ma l-art.

Ikkonfermat li id-Dj kien bilwieqfa izda fin-naha tat triq. Mistoqsija jekk setgha kienx qed isuq bi speed differenti minn dak imsemmi minnha qalet li ma tistax tghid pero zgur mhux dak li gie suggeriet lilha li kien 20 jew 30 km/fs. Qalet li meta bdew jintlaqtu l-ohrajn ma kienx hemm hin biex it-tfal jiccaqilqu bl-ispeed li kellu. Anke dawk bilqieghda bdew jintlaqtu biz-zkuk. Qalet li t triq hija dejqa jghaddu zewg karozzi zewg lanes pero ma kienx hemm bzonn li is-sewwieq isuq daqshekk vicin tas-sigar. Spjegat li hija intlaqtet hdejn il-hanut Ivory & Co u is-sewwieq waqaf aktar 'l fuq wara it-tieni roaundabout.

**Michael Cini** xehed nhar is-16 ta' Guju 2017 (fol. 40) qal li kien qed idoqq fuq in-naha ta' quddiem tal-bus. Kien hemm hafna dlam. Spjega li kellu l-apparat fuq mejda u kien qed izommu. Kien ghal habta tad-9.00.m u kienu telghin it-triq tar-Rabat li m' hiex imdawla tajjeb u kellu l-head phones u ghalhekk ma kienx qed isegwi x' inhu ghaddej fil-madwar. Ra li inqaghlet daqxejn ta' kommossjoni u jaf li Sasha kient bilqieghda f' nofs il-bus. Qal li tal-linja ma kienitx qed isuqq hafna izda l-inident ma rahx isehh. Jghid li meta telghu it-tfal fuq tal-linja id-driver qalilhom biex joqghodu bil-qieghda u ma jitilghux fuq is-seats. Qal li kienu tfal bil-ghaqal kienu ghadhom kemm spiccaw l-iskola u sejrin lejn il-

party. Ikkonferma li t-tfal kwazi kollha kienu fuq. Qal li hu itwal minnhom pero kien fuq quddiem. Jghid ukoll li ma tax kaz tal-periklu. Ikkonferma li kien hemm madwar 90 student izda il-bus ma kienitx crowded. Gieli idoqq fejn ikun hemm iktar nies abbord. Qal li s-sewweiq ma kienx f' nofs ta' triq izda lanqas ma kienx taht is-sigar. Veru li hemm karreggjata wahda izda hija naqra wisa'. Ikkonferma li ma waqfux ma l-incident izda is-sewwieq baqa' sejjer lejn id-destinazzjoni taghhom. Jaf li waqfu ghal ftit izda imbaghad baqa' sejjer. In kontro ezami jghid li kien bilwieqfa fuq in-naha tas-sigar u mhux fuq in-naha tat-triq. Ikkonferma li is-sewwieq li kien jaf ghax hadem mieghu qabel ukoll, kien qed isuq bil-mod.

Julia Zammit xehdet u qalet li kienet fuq buscade ghaliex kienet spiccat l-iskola u f'daqqa u l hin semghet daqqa harset lura u rat lil Sasha li kienet warajha b'idejha ma wiccha u rat hafna demm. Qalet li Sasha kienet fuq in-naha ta' gewwa u s-sewwieq kien qed isuq bi speed ta' bejn 60 u 70. Ikkonfemrat li DJ fuq il-bus kien hemm izda dan kien fuq in-naha l-ohra tal-bus vicin tat-triq. Qalet li hi ukoll intlaqtet b' zokk meta kienet qed tiehu selfie bilqieghda u taf li kien hemm zewg zghazagh ohra li intlaqtu u spiccaw migrufa. Qalet li kienu xi tmenin student kollha fuq u siggijiet (seats) ghal kulhadd ma kienx hemm. Kien hemm min qaghad bilwieqfa u ohrajn bilqieghda. Mistoqsija fi x' hin kien l-incident tghid li ma tafx seta kienu id-9.00p.m, 9.30 p.m, l-10.00p.m.

Mistoqsija x'ghaliex biex tigbed ir ritratt tghid li gholliet idejha sal-livell ta' wiccha u iz-zokk laqghat idha u mhux wiccha.

Mistoqsija jekk tatx kaz li kien hemm xi notices fuq il-bus biex joqghodu bilqieghda tghid li ma tatx kaz pero rat li kien hemm notices biex jilbsu is-safety belts. Pero ma tafx jekk kienx hemm seat belts fuq ix- xarabnak. Ix-xufier darba qalilhom biex joqoghdu bilqieghda meta telghu fuq il-bus pero ma tiftakarx li qalilhom id-DJ ukoll.

**Edward Attard Selvaggi** jikkonferma li dakinhar li wegghet Sascha huwa kien fuq id-double decker sejjer lejn Giapula ghal party ta' l-iskola. Jghid f'daqqa u 'l hin sema ghajjat u hares lejn Sascha u ra mimlija demm peress li kienet giet milquta b'zokk. Nizluha isfel talbu lid-driver jieqaf ftit u hekk ghamel, tawha l-ghajnuna u wara regghu telqu fi triqthom lejn Gianpula. Mistoqsi x' kien il-hoss li sema jghid li kien qisu ta' zokk jolqot rasha. Jghid li student kien hemm madwar 80 jew 90 u kollha kienu fil-parti ta' fuq tal-bus. Uhud minnhom bilwieqfa u ohrajn bilqieghda. Qal li is-sewwieq kien fuq in-naha tax-xellug tat-triq u Sascha kienet ukoll bilqieghda fuq ix-xellug tal-bus. Dwar id-Dj jghid li sa fejn jiftakar dan kien fuq in-naha tal-lemin tal bus bhalu. Ikkonferma li kien hemm madwar zewg student ohra li gew nilquta biz-zkuk tas-sigar. Wahda minnhom kellha girfa fuq spallejha u l-ohra giet milquta f'rasha b'zokk inqas b'sahtu. Mistoqsi jekk gew mgharrfa li kellhom joqghodu bilqieghda jghid li ma jaf xejn dwar dan. Qal li sinjali dwar l-uzu ta' seat belt jew biex joqghodu bilqieghda ma rax. Mistoqsi jekk id-Dj qalilhomx biex joqghodu bilqieghda jghid li ma jiftakarx salv ghal wara l-incident meta qalilhom biex izommu l-kalma. Il-muzika fuq il-bus kellha volum gholi pero xorta seta' jisma il-hsejjes tal l-izkuk tas-sigar li kienu vicin hafna taghhom. Ikkonferma ukoll li kien id-dlam u l-incident per se ma rahx u ma jafx jekk min intlaqghat kienx bilqieghda jew bilwieqfa.

Mark Caruana l-appellant bil-Malti u bil-gurament tieghu stqarr li fuq ix-xarabank hemm diversi avvvizi biex waqt li l-bus qed ticcaqlaq dak li jkun ma iqumx minn postu u jilbsu is-safety belt. Safety belts qal li ghandu 45 fuq u 45 isfel. Qal li anke qabel ma telaq qallhom biex joqghodu bilqieghda. Huwa saq lejn Gianpula b'xi 30 jew 40km/fs l-aktar. Qal li meta waslu fi triq li tiehdok ghar-Rabat xi hadd qallu li kienet intlaqtghet persuna u ghalhekk ma l-ewwel dahla li sab waqaf. Taha l-assistenza, il-first aid box u l-ilma. Dar fuq l-istudenti u staqsihom jekk kellux icempel l-ambulanza u dawn qalulu 'le'. Cempilna l-genituri taghha halli jigu ghaliha. Saq lejn Gianpula u appena wasal gew il-genituri taghha u telqu biha 'l hemm.

Huwa esebixxa ir-record tad-data track biex juri l-Qorti il-velocita li kellu dakinhar tal-incident pero minkejja li jghid li qed jesbixxi dan id-dokument li hu markat bhala dok MC1 dan ma instabx fil-process.

Qal li it-triq fejn sehh l-incident hija one lane u huwa isuq mal-line halli jkun safe u ma jissikkax 'l gewwa. Qal li din it triq juza erbgha darbiet kuljum darbtejn jitla u darbtejn jinzel. Jitla' normali. Incident bhal dan qatt ma kellu. Jghid li dakinhar hi biss wegghat u tfal kien hemm madwar 45 jew 50 abbord. Qal li kien hemm xi 4 jew 5 tudenti isfel pero fuq kien hemm bizzejjed siggijiet ghal kulhadd biex ipoggu. Qal li hu ghandu l-cameras u ghalhekk ikun jaf x'inhu jigri fuq . Qal li jaf li kienu ukoll bilwieqfa u gieli anke fuq is-seats telghu ghax gibdilhom l-attenzjoni. Qal li anke id-Dj qalilhom biex ipoggu u gieli anke isslowja biex jheddidhom li kien qed jara kollox.

Qal li hu ilu jahdem ma din il-kumpanija ghal madwar 30 sena Mistoqsi jekk jafx li hemm iz-zkuk hergin 'l barra jghid li hu ghalhekk isuq 'l barra l-iktar li ittih il-ligi biex ma jaqbizx il-line abjad. Lilu hadd qatt ma qallu li intlaqat b'xi zokk meta kien is-sewwieq hu. Qal li ma jistax ikun li xi hadd jintlaqat ghax quddiem il-bus hemm speci ta' windscreen u allura bil-fors li l-ewwel tintlaqat il-windscreen tinfaqa hi u l-pilastri imbaghad jintlaqtu in-nies. L-windscreen hi ta' altezza ta' bniedem.

Semghet lil-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-incident kienu s-segwenti:-

1. Illi nhar l-14 ta' Gunju, 2016 filghaxija kien hemm is-social ta' l-iskola St Martins College u l-istudenti kienu krew *bus double decker* biex imorru mill-iskola sa Gianpula ilkoll flimkien fiha,

2. L-istudenti li xehdu kif ukoll id-Dj li xehed ilkoll jghidu li kienu madwar 80 jew 90 student abbord waqt li s-sewwieq jghid li kienu madwar 45 jew 50 b'kollox.
3. L-istudenti u d-Dj jghidu li kullhadd kien fuq u li seats ma kienx hemm ghal kulhadd u ghalhekk kien hemm min kien bilwieqfa u min kien bilqieghda. L-appellant jghid li kulhadd kien bil qeda ghax 4 jew 5 minnhom kienu isfel.
4. Abbord kien hemm hafna muzika tindaqq bid Dj. Id- Dj Michael Cini jghid li kien fuq quddiem tal-bus fuq in- naha tax- xellug waqt li l-parte civile u l-istudenti ilkoll jghidu li kien fuq in- naha tal-lemin lejn in-naha tat-triq u u appuntu fejn kien ix-xhud Edward Selvaggi.
5. Illi Sascha Genovese giet milquta minn zokk u spiccat b'farret f' wiccha bejn ghajnejha u kien hemm xi studenti ohra li ukoll intlaqtu b'zokk dakinhar.
6. Illi l-feriti li subiet Sascha huma ta' natura gravi.
7. Illi s-sewwieq tax-xarabank baqa' isuq lejn Gianpula wara li waqaf ghal ftit mumenti biex jaghtiha l-ghajnuna u l-genituri taghha gabruha minn hemm u haduha ghal kura medika.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel Qorti iddikjarat li ma sabitx lill-appellant hati ta' sewqan perikoluz u lanqas ta' sewqan bla kont u illiberatu minn dawn l-akkuzi. L-appellant interpona appell ghaliex fil-fehma tieghu lanqas ma kellu jinstab hati ta' sewqan traskurat u talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sascha Genovese.

Illi inkwantu ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[11]:

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti* u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut."*

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini:-**

*"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto"*.

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-appellant t, u cioe' feriti gravi fuq il-persuna ta' Sascha Genovese

L-**artikolu 225 tal-Kap** 9 jiddisponi s-segwenti:

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …" (Din pero tapplika anke f'kaz ta' feriti gravi)*

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;
2. kkaguna l-ferita gravi ;
3. fuq il-persuna f'dan il-kaz ta Sascha Genovese.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Richard Grech[12]</u>** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

L-awtur Taljan **Giorg**i fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione**[13] –jghid:-

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione"*.

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Leonard Grech[14]</u>**, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo;

---

[12]Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996

[13] 1127 pagna 46

[14] deciza mill-Qorti talAppell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990

u

3. la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** [15]).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien *kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb*, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku.[16]

Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-ferita tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Schembri**[17]). Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

---

[15]Ddeciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 millQorti ta' l-Appelli Kriminali.

[16] Sottolinear ta din il-Qorti

[17] Deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud**[18], il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

"***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont*** *(reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] talimsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, ssewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*

*Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."* (vide **Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain**[19],). "

---

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997

[19] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li in effetti s-sewwieq tal-bus qal li huwa jghaddi minn din l-istess triq erbgha darbiet kuljum. Illi ghalhekk facilment seta' jara li kien hemm bzonn li iz-zkuktas-sigar jinzabru. M' hiex skuza li huwa qatt ma laqghathom u dan ghaliex incident darba issir, pero zgur li seta jara li kienu qeghdin 'l barra. In oltre jekk verament kellu l-cameras fuq hu kien jista jara x'kien ghaddej fuq ukoll. Setgha jara u jinnota kemm kien ghaddej vicin mal-genb tat-triq tant li iz-zkuk laqtu l-passigiera – dan kollu kien prevedibbli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz stante li kien familjari ma' l-ekwati. Jirrizulta u dan mhux kontestat li l-vittma Sascha Genovese kienet bilqieghda meta giet milquta u dan qed jinghad ghaliex is-sewwieq stqarr li l-passigiera kienu kollha bilqieghda. Ghalhekk zgur li hija ma kkontribwietx ghal tali incident izda dan sehh tort uniku tas-sewwieq. Jghid li hu kemm il-darba qal lill-istudenti biex joqghodu bilqieghda pero jinghad li l-kwistjoni dwar Sasha ma kienitx ghax kienet bilwieqfa izda ghaliex is-sewwieq kien vicin wisq tas-sigar. Illi mhux hekk biss jidher li kien hemm zaghzagh ohra li gew milquta pero il-feriti li kellhom kienu ta' portata zghira. Dan lagir tas-sewwieq jammonta ghal nuqqas ta' proper look out '*to see what is in plain view*' u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta iddecidiet li ssib lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza.

Dwar it- tieni akkuza u cioe li huwa saq b'manjera traskurata jinghad kif fuq imfisser li min ma josservax ir- regolamenti tat-traffiku ikun hati ta' sewqan traskurat. Din il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li l-appellant ma zammx mar-regolamenti tat-traffiku. Jinghad li huwa kellu aktar nies fuq il-bus milli kien hemm seats u dan minkejja li jghid li fuq il-bus kien hemm biss madwar 45 student u dan ghaliex jirrizulta bix-car li in effetti kien hemm madwar 80 jew 90 student li kollha kienu fuq u ghalhekk zgur li seat jew seat belts ghal kulhadd ma kienx hemm. Pero apparti dan jirrizulta li s-sewwieq ma zammx proper look out waqt is-sewqan tieghu tant li saq ma genb it triq u laqghat il-ferghat tas-sigar. Jinghad ukoll li s-sewwieq ma tax kaz dak li kien ghaddej fuq meta kien qed isuq

u dan minkejja li kellu l-cameras. Tant hu hekk jghid li kien hemm xi studenti li telghu fuq is- seats u fl-ebda hin ma jghid x'mizura ha fir- rigward taghhom.

L-appellant *in primis* fir-rikors tal-appell tieghu jghid li x-xhieda imresqa mhumiex kredibli f'dak li qalu u dan ghaliex certu studenti li xehdu lanqas ma kienu identifikati fil-komparixxi. Jinghad li l-prosekuzjoni ma ghandhiex obbbligu li tikteb isem ix xhieda taghha kollha fl-avviz izda ghandha l-obbligu li tressaqhom il-Qorti. L-obbligu li ghandha hu li tressaq ix xhieda taghha kollha dawk sia favur u dawk kontra qabel ma tiddikjara li m' ghandhiex aktar provi xi tressaq. Huwa veru li dawn huma proceduri sommarji pero ma hemm imkien fil-process fejn id-difiza kienet qed tinsisti li l-kawza tinstemgha f'seduta wahda. Ghalhekk ma jirrizultax lil Qorti, kif donnu sostna l-appellant, li l-fatt li xehdu aktar studenti kienet xi manuvra opportunistika. Huwa ovvju li fuq ix xarabank li kienet qed takkompanja studenti ghas-social taghhom kien hemm hafna studenti u ghalhekk kien jispetta lil prosekuzzjoni tressaq dawn l-istess xhieda li tressqu.

Fit-tieni lok l-appellant jghid li x-xhieda ta' Alexandra Genovese kellha tigi skartata ghaliex hija *detto del detto*. Dwar dak li Alexandra rraportat dwar l-incident veru li mhux ammissibli u ghalhekk fl-apprezzament tax-xhieda ta' kif sehh l-incident tali xhieda ma ittiehditx inkonsiderazzjoni u din il-Qorti ma ghamlet l-ebda referenza ghax- xhieda taghha, pero xorta a bazi tax- xhieda l-ohra kien hemm bizzejjed provi sabiex l-appellant jinstab hati taz-zewg akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u li fuqhom kien intavola appell.

Dwar it-tielet agravju l-appellant jistqarr li ma kienx traskurat fis-sewqan tieghu ghaliex ma kienx mixi b'xi speed. Fil-fatt huwa esebixxa id data track tieghu li pur troppo ma kienitx fl-atti. Pero din il-Qorti mhux qed issostni li l-appellant kellu xi speed eccessiv. Din il-Qorti issostni pero li l-fatt li huwa seta' ippreveda il-perikolu meta saq vicin tas-sigar u ma waqafx u haseb ghas-sigurta tan-nies li kellu abbord jammonta ghas-sewqan

traskurat. Huwa saq wisq vicin il- genb tat-triq zamm wisq max-xellug tant li kien hemm xhud partikolari Edward Attard Selvaggi li stqarr li ghalkemm il-muzika kienet ghadejja xorta sema' il-thaxwix tas-sigar dan kollu jindika l-prossimita ghas-sigar jew addirittura li ghadda minnhom. Dan l-agir tal-appellant seta' kellu konsgwenzi fem aktar dizastruzi.

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jilmenta li l-hin tal-incident indikat fic-citazzjoni u dak li tkellmu dwaru x-xhieda kien ghal kollox konfligenti u ghalhekk per konsegwenza kellu jinstab mhux hati tal-akkuza. Jidher li fil-komparixxi l-prosekuzzjoni ghogobha tikteb il-hin bhala fis-21.00p.m pero qabel tali hin hemm ukoll il-kelma ghal 'habta' u allura dan ifisser li ma hemmx il-precisjoni tal-hin. Dwar din il-lanjanza din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tghid il-gurisprudenza fuq il-materja.

Għalkemm dan l-iżball, mad-daqqa t'ghajn, jista' jaghti x'jifhem li l-vot tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jkunx gie sodisfatt, eżami aktar akkurat tal-ġurisprudenza nostrana turi mod iehor. Il-Qrati Maltin, u mhux b'anqas din l-Onorabbli Qorti, kellhom diversi okkażjonijiet fejn ipprovdew dwar in-natura u 'r-rekwiżiti' taċ-ċitazzjoni/komparixxi ai termini tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll dwar is-sinjifikat u l-konsegwenzi naxxenti minn tali citazzjoni/komparixxi. Dawn il-Qrati nvarjabbilment irritenew illi ċċitazzjoni hija sempliciment ordni sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti. Kemm il-Ligi, kif ukoll il-Qrati Maltin riedu, kemm jista jkun, ikunu prattici fl-approcc taghhom lejn l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu u ma riedux li jintilfu hafna fuq kwistjonijiet, formaliżmi, u problematici teknici u procedurali a skans li ssir Gustizzja. Riedu jkunu mexxejja u prattici ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, fis-sistema procedurali Maltija, il-process penali huwa wiehed li jistrieh fuq id-dibattitu viva voce, fil-prezenza tal-imputat/akkuzat, u mhux konfinat u ristretto u ċirkoskritt minn proceduri li jsiru bil-forma miktuba a skapitu tal-espressivita tal-process kondott viva voce fil-presenza tal-imputat/akkuzat u ta' dawk li jridu jiggudikaw fuq il-fatti. Ghalhekk, il-Qrati irritenew li ċ-ċitazzjoni "m'hemmx għalfejn issir skond xi formula sagramentali bil-preċiżjoni kollha".

F'dan il-kuntest, is-sentenza mogħtija minn din l-Qorti, fil-kawża fl-ismijiet: "**<u>Il-Pulizija vs. Frank Bor[20]g</u>**" tistabbilixxi illi:

*"Fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni ma hix ħlief ordni ta' komparizzjoni, u l-enunċjazzjoni tal-fatti kontentuti fiha ma hix il-bażi essenzjali u assoluta ta' l-inkriminazzjoni."*

Illi din il-linja ta' ħsieb ġiet adottata u adoperata f'diversi sentenzi mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, liema sentenzi 'lkoll isostnu li n-nuqqas ta' referenza għaż-żmien u għall-lok fiċ-ċitazzjoni, jew altrimenti referenza għal ħin u lok divers minn dak illi jirriżulta mill-provi miġjuba fil-mori tal-kawża bl-ebda mod ma jġib in-nullita taċ-ċitazzjoni u/jew il-liberazzjoni tal-imputat. Dawn l-istess sentenzi jirritjenu illi dak illi huwa mportanti fl-imsemmija ċirkostanzi huwa li l-imputat ikun a konjizzjoni tal-fatti jew ċirkostanzi li bihom jinsab akkuzat, u dan sabiex l-istess imputat ikun f'pożizzjoni illi jħejji d-difiża tiegħu.

Għaldaqstant jekk bin-nuqqas ta' determinazzjoni tal-ħin jew lok fiċ-ċitazzjoni, jew inkella, b'referenza għall-ħin u lok partikolari fiċ-ċitazzjoni li mbagħad, sussegwentament, jirriżultaw differenti mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti l-imputat iħossu żvijat, huwa għandu jitlob u jingħata differiment sabiex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu b'mod adegwat. Dan japplika mhux biss ghall-proceduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali operanti fl-ambitu tal-kompetenza originali taghha ai termini tal-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali, izda wkoll gie estiz ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

[20] Deicza mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali fis-6 ta' Marzu 1954

Gudikatura Kriminali ezercenti proceduri fil-kompetenza estiza taghha ai termini tal-artikoli 370(3)(4) tal-Kodici Kriminali.

Illi ghalhekk jekk fil-komparixxi il-hin ma giex indikat bi precizjoni dan ma iwassalx ghall-liberatorja tal-appellant kif donnu qed jippretendi l-appellant .

Din il-Qorti ghalhekk qieghda ghar-ragunijiet fuq imsemmija tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel zewg akkuzi u konsegwentment tichad l-appell tal-appellant u tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mit-tielet u mir-raba' akkuza. Qieghda ukoll tikkonfermaha is-sentenza fir-rigward tal-multa inflitta u dan sabiex l-appellant ikun aktar kawt waqt li jkun fit-triq. Qieghda ukoll takkolji l-istess fakolta moghtija minn l-ewwel Qorti sabiex l-appellant ihallas il-multa inflitta f'pagamenti mensili u konsekuttivi pero f'ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin euro kull xahar peress li skond l-artikolu 14 (2) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-multa inflitta trid tigi imhallsa fi zmien tlett snin massimu.

Il-Qorti qieghda tabbraccja l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti li ma tiskwlifikax lill-appellant mill-licenzja tas-sewqan tieghu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur